MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Numru. 1060/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**SHAUN PACE**

**BION URRY SCHEMBRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Shaun Pace detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 155192M

U

Bion Urry Schembri detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 265197M.

Huma akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'Misrah il-Bajja, San Pawl il-Bahar, fil-25 ta' Awwissu 2013 ghal habta tal-4.45 ta' filghodu kkommettew serq ta' mobile phone tad-ditta Samsung Galaxy S3 ta' kulur abjad li jiswa €400 ghad detriment ta' Christina Camilleri detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 495292M, u dan aggravat bil Valur u bil-hin.

Lil Shaun Pace wahdu, il Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nstab hati b'diversi sentenzi li huma definittivi u li ma jistawx jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokument esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok JB10 u nnutat li l-imputati Shaun Pace u Bion Urry Schembri m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputati iddikjaraw li m’ghandhomx htiega li jkunu assistiti minn avukat.

Il-Qorti spjegat lill-imputati dwar id-dritt taghhom li jkunu assistiti minn avukat pero’ l-imputati kkonfermaw li m’ghandhomx htiega li jkunu assistiti minn avukat.

Innutat fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat Bion Urry Schembri iddikjara li ghandu sittax (16) il-sena u kien akkumpanjat minn ommu Julia Messiano.

Innutat ukoll li fl-ezami taghhom l-imputat Shaun Pace wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u l-imputat Bion Urry Schembri wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputat Shaun Pace wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u l-imputat Bion Urry Schembri wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija u fil-fatt hallsu l-ammont kollu tar-rifurtiva lil sid ir-rifurtiva.

Rat fil-konfront tal-imputat Shaun Pace l-artikoli 31, 49, 50, 261(ċ) u (f), 267, 270, 279 u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Shaun Pace, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta

li tpoggi lill-imputat Shaun Pace taht Ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation rigwardanti l-imputat Shaun Pace ghandu jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Shaun Pace.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Shaun Pace kull sitt (6) xhur.

Rat fil-konfront tal-imputat Bion Urry Schembri l-artikoli 31, 37, 261(ċ) u (f), 267, 270, 279 u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Bion Urry Schembri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imsemmi imputat Bion Urry Schembri u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat Bion Urry Schembri taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qeghda taghti lill-imputat Shaun Pace l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u lill-imputat Bion Urry Schembri l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------